MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2374/2003

**Carmen Taliana**

**vs**

**Rita Borg ezercenti l-kummerc bhala Internacional Sales Direct**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Novembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm675.75) bhala danni sofferti mill-attrici in konnessjoni ma' kawza bl-avviz numru 1465/99 deciza kontra l-attrici mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-22 ta' Novembru, 2002 u liema kawza kienet haditha l-konvenuta biex tiddefendiha hi, minghajr ma qatt dehret fil-Qorti u minghajr ma qatt innotifikat jew**

**kellmet lill-attrici, bil-konsegwenza li l-kawza ntilfet kontra l-attrici;**
**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attrici fid-9 ta' Jannar, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenuta. Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenuta t-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta fil-kwalita` taghha premessa thallas lill-attrici s-somma ta' sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm675.75).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------